Il-KUMMISSJONI EWROPEA

*Brussell,* 21. 05. 2015
*C(2015) 3200 final*

*Sur Speaker,*

*Il-Kummissjoni tixtieq tirringrazzja lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni Raġunata tagħha dwar il-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2008/98/KE dwar l-iskart, 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma, 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw, 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi, u 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku {COM(2014) 397 finali}.*

*Fil-25 ta' Frar 2015 il-Kummissjoni rtirat il-proposta tal-iskart sabiex tagħmel il-wisa' fl-2015 għal approċċ aktar ambizzjuż li jista' jkun aktar effettiv. Dan il-pakkett se jinkludi proposta riveduta dwar l-iskart li tieħu kont aħjar tas-sitwazzjoni fid-diversi Stati Membri, iżda wkoll pjan ta' azzjoni konkreta biex jiġi indirizzat il-bqija taċ-ċiklu, b'elementi immirati lejn il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari fil-katina tal-valur kollha kemm hi. Il-Kummissjoni, pereżempju, se teżamina mezzi għall-appoġġ ta' disinn aħjar tal-prodott u l-konsum sostenibbli, u għall-faċilitazzjoni tal-iżvilupp ta' suq għal materja prima sekondarja.*

*L-Opinjoni dettaljata tal-Kamra tad-Deputati tipprovdi kontribut importanti f'dan il-kuntest u ser jittieħed kont meqjus tagħha fit-tħejjija ta' din l-inizjattiva ġdida.*

*Il-Kummissjoni hija ħerqana li jitkompla d-djalogu kostruttiv tagħna fil-futur.*

*Dejjem tagħkom,*

*Frans Timmermans*
*L-Ewwel Viċi President*

*Karmenu Vella*
*Membru tal-Kummissjoni*

*Is-Sur Anġlu Farrugia*
*Speaker*
*tal-Kamra tad-Deputati*
*Il-Palazz*
*MT – VALLETTA VLT 1115*